**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2021**

Rikors Numru: 185/21 AL

A B

vs

Dr. Christopher Chircop u P.L. Jean-Pierre Busuttil li ġew nominati bħala Kuraturi Deputati permezz ta' digriet tat-3 ta' Ġunju 2021 sabiex jirrapreżentaw lill-assenti CDE

(MR Number 44/2013)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrent, A B u l-intimata, CDE, zzewgu fit-tmienja u ghoxrin ta' Frar elfejn u tlettax (28/02/2013) fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta, u dan skont l-anness certifikat immarkat 'Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg ma tweldux ulied;

3. Illi r-rikorrenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, datat sitta u ghoxrin ta' Lulju elfejn u sittax (26/07/2016), in atti n-Nutar, Dottoressa Dorianne Arapa, u dan skont il-kuntratt ta' separazzjoni esebit u mmarkat, bhala Dok. ’B';

4. Illi llum-il gurnata ma hemm ebda prospett li l-partijiet jirrikonciljaw stante li ilhom ghal separati de jure minn Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016). In oltre, r-rikorrent ma ghandu l-ebda hjiel fejn tinsab l-intimata. Ghalhekk qatt aktar minn dak iz-zmien 'l hawn ma regghu ghixu flimkien;

5. Illi, in oltre, ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet rigward il-manteniment u dan peress li l-istess partijiet kienu reciprokament irrinunzjaw li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin, u dan skont l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni sopra citat;

6. In oltre, r-rikorrent qieghed jipprezenta l-affidavit rispettiv tieghu, liema affidavit jinsabu esebiti u mmarkati bhala Dok. 'C';

7. Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont 1-Aftikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, talLigijiet ta' Malta;

Talab lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja I-hall ta' zwieg bejn A B u C D E, u tiddikjara z-zwieg taghhom, tat-tmienja u ghoxrin ta' Frar elfejn u tlettax (28/02/2013), mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk ghal daqshekk din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fif-Registru Pubbliku;

u dan taht kull provvediment iehor li din l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati a fol 26 li permezz tagħha esponew:

1. Illi huwa l-attur li għandu l-piż tal-prova u ċioe' illi jrid jkun l-attur li permezz tal-provi mressqa minnu jinkonvinċi lil dina l-Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attur qiegħed jagħmel fil-konfront tal-intimata assenti huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-każ u għaldaqstant qegħdin jirriservaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti ma' dan il-każ.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Gunju 2021;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Lulju 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.